MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 91/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Camilleri
Pierre Vella
Aaron Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Camilleri, Pierre Vella u Aaron Camilleri talli fil-11 ta' Ottubru, 2003, fil-fond: "Ghall-Kafe" li jinsab gewwa Ball, San Giljan, meta huma kienu qed jiggestixxu l-imsemmi fond, bhala l-persuni li fuqhom huwa licenzjat l-imsemmi fond:

1) Zammew, operaw, jew hallew li jinzammu jew jigu operati tletin (30) magni tal-loghob li ma kinux licenzjati;

2) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamlu xi haga u cioe` huma zammew, operaw, jew hallew li jinzammu jew jigu operati tletin (30) magna tal-loghob li ma kinux licenzjati, minghajr licenzja ta' l-awtorita` kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;
3) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bhala persuni licenzjati zammew tletin (30) magna awtomatika jew hallew li jinzammu magni fil-post licenzjat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali, iddikjarat li l-azzjoni hi preskritta fil-konfront ta' l-imsemmijin Joseph Camilleri, Pierre Vella u Aaron Camilleri;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali tat-12 ta’ April 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2004 li permezz tieghu ntlaqghet it-talba ta' Dr. Anthony Barbara ghall-appellant sabiex tithassar ir-riferenza ghal gurisprudenza fit-tieni paragrafu tat-tieni pagna tar-rikors ta' appell indikata bejn parentesi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li wasslu ghas-sentenza appellata kienu s-segwenti. Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2004 quddiem l-ewwel Qorti, l-ufficjal prosekutur talab korrezzjoni fil-komparixxi fis-sens li kull fejn hemm il-kliem *"gambling machine"* dawn jigu kancellati. L-imputati Pierre Vella u Joseph Camilleri talbu

notifika mill-gdid tal-komparixxi kif korretta u ghalhekk l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghat-18 ta' Marzu 2004. Ghalkemm ma giex verbalizzat li dik il-Qorti kienet laqghet it-talba ghall-korrezzjoni, m'hemm l-ebda dubju li dik it-talba giet milqugha peress li fuq l-original tal-komparixxi hemm il-kliem "Korrezzjoni Awtorizzata" bil-firma tal-Magistrat sedenti f'dik il-Qorti. Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2004 l-avukat difensur eccepixxa l-preskrizzjoni. Gie verbalizzat li l-ufficjal prosekutur ma jaqbilx ma' din it-tezi u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 693 tal-Kap. 9. L-ewwel Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni, ghaddiet biex tat is-sentenza appellata.

Fil-kaz in ezami r-reati in kwistjoni gew allegatament kommessi fil-11 ta' Ottubru 2003. Il-komparixxi giet iffirmata mill-Ispettur M. Sammut fil-15 ta' Dicembru 2003 u l-appellati effettivament dehru quddiem l-ewwel Qorti fil-5 ta' Frar 2004. Dakinhar ma giet sollevata l-ebda eccezzjoni ta' preskrizzjoni u fil-fatt mir-riferti esibiti jidher li l-appellati Joseph Camilleri u Pierre Vella kienu gew notifikati fis-17 ta' Dicembru 2003 filwaqt li l-appellat Aaron Camilleri kien gie notifikat fis-16 ta' Dicembru 2003, jigifieri ftit aktar minn xahrejn wara li gew allegatament kommessi r-reati in kwistjoni.

Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2004, l-appellati eccepew il-preskrizzjoni trimestrali. Effettivament mhuwiex kontestat li l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz hija proprju dik trimestrali skond l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 stante li l-piena ghar-reati addebitati lill-appellati hija dik ghall-kontravvenzjonijiet. F'dan l-istadju kienu ovvjament diga` ghaddew aktar minn tliet xhur mid-data tal-kommissjoni ta' l-allegati reati. L-appellant pero` qieghed jargumenta li l-korrezzjoni mitluba u li saret fil-5 ta' Frar 2004 kienet wahda marginali u li l-preskrizzjoni kienet giet interrotta bin-notifika tal-komparixxi originali qabel is-seduta tal-5 ta' Frar 2004.

Minn dawn il-fattispecie huwa evidenti li l-mertu tal-appell odjern huwa identiku ghal dak fil-kawza li ghaliha rreferew il-partijiet fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Xuereb** deciz

minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Gunju 2004. F'dik il-kawza ntqal hekk:

"Illi hija zgur aktar rilevanti s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **'Il-Pulizija vs Miriam Gravina"** [9.6.1995] (per V. DeGaetano, J.), fejn gie ritenut li biex f'cirkostanzi analogi tirnexxi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, irid ikun il-kaz li bil-korrezzjoni mitluba u akkordata l-fatti imputati lill-appellat (appellanti f'dak il-kaz) iridu jkunu qeghdin b'xi mod jinbidlu u ma jridx ikun xi kaz ta' *lapsus calami* bhal per ezempju, kif gara f'dak il-kaz, fejn l-isem tal-vittma minflok 'Daniel' inkiteb 'Daniela' u ghalhekk kienet intalbet il-korrezzjoni opportuna. F'kazijiet ta' korrezzjoni ta' xi zball simili, dik il-Qorti osservat li l-korrezzjoni setghet anki ntalbet u ntlaqghet wara li jkunu bdew jinstemghu l-provi u l-imputat lanqas ikun intitolat ghal xi differiment biex tigi notifikata mill-gdid l-imputazzjoni, peress li l-imputazzjoni tkun baqghet sostanzjalment l-istess u b'tali korrezzjoni l-imputat ma jkunx gie pregudikat b'ebda mod fid-difiza tieghu. 'Arguendo a contrario sensu', fejn allura it-tibdil mitlub ikun ser ibiddel il-pozizzjoni sostanzjalment, allura l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tirnexxi.

Issa f'dan il-kaz pero` din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Prosekuzzjoni li l-korrezzjoni mitluba ma bidlitx is-sustanza tal-imputazzjoni. Originarjament l-akkuzi kienu ta' zamm, operazzjoni ta' u thollija ta' operazzjoni ta' magna tal-loghob jew magna awtomatika tal-moghdija taz-zmien, li f'kull imputazzjoni giet deskritta fil-brackets bhala 'Gambling Machine', minghajr licenzja. Bil-korrezzjoni mitluba tnehhiet din il-kwalifika li l-magna jew magni kienu 'gambling machines' li prezumibilment huma regolati b'ligijiet (e.g. Il-Gaming Act, Kap. 400 tal-Ligjiet ta' Malta, fejn hemm pieni ferm aktar horox ta' multi kbar u prigunerija) differenti minn dawk invokati mill-Prosekuzzjoni fil-komparixxi …. Tant l-ewwel Qorti korrettement hasset li dan kien il-kaz li laqghet it-talba tad-difiza ghan-notifika mill-gdid tal-komparixxi kif korretta u fil-fatt hekk sar."

Din il-Qorti kif issa presjeduta taqbel perfettament ma' dak li ntqal fil-kawza appena citata. Bhal f'dik il-kawza, ma taqbilx mal-prosekuzzjoni li f'dan il-kaz il-korrezzjoni akkordata kienet wahda marginali jew li ma tbiddilx sostanzjalment l-imputazzjoni. Ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sew li ordnat in-notifika mill-gdid tal-komparixxi kif korretta. Naturalment dan wassal biex fit-tieni udjenza quddiem l-ewwel Qorti tigi sollevata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni trimestrali li giet, korrettement, milqugha mill-ewwel Qorti peress li kienu ghaddew aktar minn tliet xhur mid-data tal-kommissjoni ta' l-allegati reati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------